

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.10491 — Allianz/Intelsat)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 8/04)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Allianz SE ("Allianz", IL-ĠERMANJA),
- Intelsat Holdings S.A. ("Intelsat", L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA)

Allianz takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Intelsat.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Allianz: Allianz hija l-kumpanija omm apikali tal-grupp Allianz, kumpanija globali tas-servizzi finanzjarji attiva b'mod predominanti fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja u l-ġestjoni tal-assi,
- għal Intelsat: it-tħaddim ta' networks satellitari, networks terrestri u infrastruttura ta' konnettività u l-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni diversifikati lil klijenti bħal operatori tat-telekomunikazzjoni, kumpaniji tal-midja, u fornituri tas-servizz tal-internet. Intelsat tuża s-satelliti tagħha bħala stazzjonijiet tar-rilej fl-ispazju għat-trażmissjoni ta' komunikazzjonijiet bil-vuċi, bil-vidjo u tad-*data*.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10491 — Allianz/Intelsat

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Fax +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
